# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

**Illum, l-Erbgha 30 ta' Mejju, 2001.**

**Kawza Nru. 20.**
**Citazz. Nru. 606/01 JRM**

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**1. MAPCO LIMITED,**

**2. Frank CACHIA, u**

**3. Albert CACHIA**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan Facility" lis-socjeta' konvenuta Mapco Limited;

Illi l-attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta Mapco Limited elf, sitt mija u sebgha u disghin liri maltin u sitt centrezmi ( Lm1,697.06) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tas-socjeta' konvenuta Mapco Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1" sa "A2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'skrittura privata datata 4 ta' Marzu, 1993 (Dok "B"), il-konvenut Frank Cachia iggarantixxa flimkien u "in solidum" mas-socjeta' Mapco Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti ta' l-istess socjeta' konvenuta Mapco Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'skrittura privata datata 4 ta' Marzu, 1993 (Dok "B"), il-konvenut Albert Cachia iggarantixxa flimkien u "in solidum" mas-socjeta' Mapco Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti ta' l-istess socjeta' konvenuta Mapco Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' tlett ittri ufficjali datati 5 ta' Gunju, 2000 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "C" Dok "D"u Dok "E", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lis-socjeta' Mapco Limited, lil Frank Cachia u lil Albert Cachia jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u sebgha u disghin liri

maltin u sitt centezmi (Lm1,697.06) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tas-socjeta' Mapco Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A" sa "A2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Din il-kawza qed issir minghajr pregudizzju ghall-proceduri ohra intavolati kontra l-konvenuti Frank Cachia u Albert Cachia mis-socjeta' attrici, ghal bilanci ohra dovuti mill-konvenuti lis-socjeta' attrici;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 5 ta' Gunju, 2000 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-istqarrija tal-konvenuti maghmula quddiem il-Qorti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lis-socjeta' Mapco Limited, lil Frank Cachia u lil Albert Cachia jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u sebgha u disghin liri maltin u sitt centezmi ( Lm1,697.06) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tas-socjeta' Mapco Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A" sa "A2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri

ufficjali datati 5 ta' Gunju, 2000 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid, kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**30 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Mejju, 2001.**